MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Talba Numru. 1007/2006

**Talba Nru: 1007/06VGD**

Modern Image Limited (C34457)

Vs

Destination Media Limited (C35043)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm442.50c) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici fuq inkariku tas-

socjeta' konvenuta, li minkejja li giet interpellata diversi drabi, naqqset li thallas l-ammont dovut, bl-ispejjes ta' din il-kawza u tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm442.50c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------